# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2245

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2835/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Louis Zammit**

**vs**

**Seabank Catering Co Ltd**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 8 ta' Ottubru 2013

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni ta' Louis Zammit pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl-24 ta' Settembru 2010 mill-Union Haddiema Maghqudin tramite s-sur Lino Vassallo. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Is-sur Zammit iddikjara li fl-1 t'April 2002 huwa gie impjegat fuq kuntratt indefinit fuq bazi *full-time* bhala Senior Electrical Technician mal-kumpanija Seabank Catering Co Ltd li tmexxi r-Riu Seabank Hotel li tinsab il-Mellieha. Fit-23 ta' Gunju 2010 il-Host Manger J. P. Abela informa lir-rikorrent b'ittra li l-impieg tieghu gie terminat b'effett immedjat. Ir-rikorrent hass li l-impieg tieghu ma giex terminat ghal raguni valida skond il-ligi, peresss li huwa gie sospiz verbalment fil-21 ta' Gunju 2010 ghal xi nofsinhar, u kien biss ghalhekk li telaq minn fuq il-post tax-xoghol, u mhux ghax abbanduna x-xoghol, haga li

fuqha ħa t-tielet twissija u t-tkeccija.  Ghalhekk huwa talab li l-kaz jinstema mit-Tribunal u jigi deciz skond il-ligi.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, ir-rikorrent jispjega li ghalkemm huwa qala' zewg warnings, ma kenitx korretta l-akkuza kontrih li huwa abanduna l-post tax-xoghol.  Huwa talab li jigi kkumpensat finanzjarjament kemm ghal dak li sofra bit-telfien tal-impieg kif ukoll ghall-qliegh li kien ghad irid jitlef.

Il-kumpanija intimata rrispondiet b'Dikjarazzjoni fejn tghid li t-terminazzjoni tal-impieg ta' Louis Zammit kienet gustifikata peress li l-impieg tieghu kien diga' gie terminata fl-4 ta' Novembru 2009 ghal raguni ta' dixxiplina wara li qarraq bil-kumpanija. Imbaghad huwa inghata warning fil-21 ta' Gunju 2010 talli ma kienx qed jaghmel il-*preventive maintenance* sew, tant li fis-6 ta' Gunju 2010 u fil-11 ta' Gunju 2010 inqata' d-dawl fil-pizzerija u parti mill-lukanda wara li kien hemm wires laxki, haga li ma kinitx issehh kieku r-rikorrent ghamel il-*preventive maintenance* tajjeb li kien dovut jaghmel.  Il-kumpanija intimata tispjega kif wara t-tieni incident l-Inginier Joseph Muscat gibdilhom l-attenzjoni ghal diversi nuqqasijijet fil-manutezjoni tas-sistema tal-elettriku, u ghalhekk ingieb enginier tal-kumpanija Engenuity Ltd li kkonferma li s-sistema tal-elettriku ma kinitx f'kundizzjoni tajba u li meta beda jinqata' d-dawl il-problema ma gietx irrangata – sempliciment inxteghlet mill-gdid.  Fil-jum tal-11 ta' Gunju 2010 kien Louis Zammit li mar biex isolvi l-problema tal-qtugh tad-dawl.  L-intimata tichad li r-rikorrent kien verbalment sospiz u tghid li huwa abbanduna l-post tax-xoghol wara li inghata l-warning – tghid li meta telaq ir-rikorrent ma ppancjax.  Tghid li l-abbandun tal-post tax-xoghol kienet l-ahhar raguni li fuqha r-rikorrent tkecca 23 ta' Gunju 2010.

<u>PRELIMINARI</u>

Fl-ewwel seduta, li nzammet fit-2 ta’ Novembru 2010, dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jikkonsidraw ftehim bonarju, izda t-Tribunal gie infurmat li f'dak l-

istadju r-rikorrent kien diga' sab impieg alternattiv. Dan il-kaz beda jinstema mal-kaz konness fl-ismijiet Joseph Vella kontra Seabank Catering Co Ltd, li ukoll huwa kaz ta' allegata tkeccija ingusta u li qed jigi deciz illum.

<u>IL-PROVI MIGJUBA</u>

Is-socjeta' intimata bdiet billi pproduciet lill-Operations Manager Hubert Debono li spjega li l-lukanda hi mmexxija minn zewg managers: wiehed jiehu hsieb il-maintenance, reception u housekeeping, u hu kien jiehu hsieb id-dipartimenti l-ohra kollha tal-lukanda. Pero qabel kien inkarigat mill-maintenance u allura Vella u Zammit kienu tahtu. Meta rrilaxxa dik il-kariga postu hadu certu Jean Pierre Abela, li allura kien il-manager meta nqalaw l-incidenti in kwistjoni. Spega kif fis-6 ta' Gunju 2010 inqata' d-dawl fil-pizzerija u hu sejjah lil tal-maintenance biex jiehdu hsieb, u fil-fatt id-dawl rega' gie – kien mar Joseph Vella. Imbaghad fil-11 ta' Gunju, 5 ijiem wara, rega' mar id-dawl u din id-darba mar Louis Zammit bhala electrical technician. Gie infurmat illi kieku dawn it-technicians fethu l-panels tal-provvista tad-dawl kienet tigi identifikata l-problema, imma huma m'ghamlux hekk: sempliciment xeghlu s-sistema mill-gdid, u ghalhekk inhargilhom warning miktub, li huma ffirmawh. Qal li gie infurmat illi kieku l-*preventive maintenance* (li suppost isir perjodikament mir-rikorrent) sar sew din il-problema kienet tigi evitata. Jghid li minhabba nuqqas li jaghmel *preventive maintenance*, Zammit kien gia gie sospiz qabel, u wara li baghat ittra b'apologija huwa ddahhal lura ghax-xoghol. Din id-darba il-warning hareg kemm minhabba nuqqas ta' preventive maintenance kif ukoll minhabba li l-qtugh tad-dawl fil-11 ta' Gunju 2010 ma giex investigat sew. Ma' dawn kien hemm incident fil-21 ta' Gunju 2010 fejn wara li inghata dan il-warning ir-rikorrent ma ppancjax meta hareg, u allura mhux maghruf fi x'hin telaq mix-xoghol. Dan ix-xhud jghid li kien prezenti f'okkazjoni li nqata' d-dawl imma dwar il-kumplament huwa xhed fuq li qallu haddiehor: huwa ma kienx involut fid-decizjoni tat-tkeccija.

Imbaghad xhed Jean Pierre Abela, li kien 'rooms division manager' u llum Operations Manager, li spjega kif Envin Bartoli rrappurtalu kif meta nqata' d-dawl fis-6 ta' Gunju tar-reception cemplu lil Joseph Vella, li kien it-technician 'on call.' Dan mar u ccekkja l-MCCB fejn irrizultalu li ttripja l-elettriku. Fil-11 ta' Gunju gara l-istess, u dakinhar Louis Zammit kien on call, u sar kollox l-istess. Peress li grat it-tieni darba giet kummissjonata kumpanija ta' enginiera biex jinvestigaw il-problema, li rrizultalhom li dawn l-incidenti kienu rizultat ta' "*loose-contact*" f'wahda mill-panels, li wassal ghal hruq ta' wires: kieku nfethet l-MCCB wiehed seta' facilment jinnota dawn il-wires mahruqin. Jghid li l-inginier Joseph Muscat kitiblu email "bhala l-bniedem responsabbli mill-maintenance department" u rrappurtalu li l-elettriku ttripja 3 darbiet ghaliex kien hemm hsara u ma trangatx; u kieku saret il-*preventive maintenance* ma kienx ikun hemm dawn il-*loose-contacts*; *preventive maintenance* ghandha ssir tal-inqas darba fis-sena. Jghid li Louis Zammit kien responsabbli jaghmel il-preventive maintenance tal-MCCB mentri Joseph Vella kien responsabbli jaghmel il-preventive maintenance tal-A/C Panel. Vella inghata warnings fuq nuqqas ta' preventive maintenance fuq A/C u minhabba li ma zammx il-plant room nadifa. Jghid ukoll li Zammit kiser il-klawsola 19 regola 31 tal-Ftehim Collettiv meta fil-21 ta' Gunju telaq mill-post tax-xoghol minghajr ma ppancja – haga li hija kkonsidrata bhala ekwivalenti ghal abbandun tal-post tax-xoghol. Jghid li l-electricians ghandhom job-card biex fuqha jnizzlu meta jaghmlu l-"Quarterly maintenance of electric Distribution Board". Dwar l-abbandun mix-xoghol, dan jghid li Joseph Vella kellu jispicca fl-4.30pm mentri Louis Zammit kellu jispicca fl-10.30pm, imma xi hadd gibidlu l-attenzjoni li ftit wara li inghataw il-warnings, ghall-habta ta' nofsinhar, dawn hargu, u hu haseb li bhala 'break' marru jkellmu avukat dwar il-warnings. Jghid li imbaghad fittixhom u ma sabhomx, pero` ma ppruvax jikkuntattjahom ghax skond hu dan ma kienx dmir tieghu. Jghid li l-ghada Louis Zammit ma kienx xoghol u ghalhekk kellu jistenna sal-jum ta' wara biex jinfurmah bit-tkeccija, skond kif jghid il-Ftehim Kollettiv. Dwar l-inginier Muscat, dan kiteb l-email esebita fuq dak li qara fir-rapport tal-Engenuity Ltd, u ma jafx rax il-problema b'ghajnejh. Ix-xhud ma

rrizultalux li sar *preventive maintenance* 3 xhur qabel imma xi 6 xhur qabel. Imbaghad xhed dwar il-warnings u jghid li fis-17 t'Ottubru 2009 l-impieg ta' Zammit gie terminat wara li kien iffirma li ghamel certu *preventive maintenance* mentri irrizulta li dan mhux veru sar. Imbaghad talabhom hafna li jahfrulu peress li kien l-ewwel warning u finalment fl-4 ta' Novembru 2010 accettaw li jdahhluh lura fl-impieg wara li accetta li jiffirma dikjarazzjoni li jiddispjacih ghal li ghamel u li kien haqqu jitkecca. Imbaghad kien hemm il-warning tal-21 ta' Gunju minhabba nuqqas ta' maintenance u nuqqas ta' investigazzjoni fuq il-problema tal-qtugh tad-dawl. Imbaghad fit-23 ta' Gunju mhux inhargitlu warning imma t-tkeccija. Jghid li fil-21 ta' Gunju 2010 r-rikorrent cempillu f'xi l-5.00 jew is-6.00, u cioe xi sieghat wara li telaq mill-post tax-xoghol, u staqsih jekk jergax jigi lura. Ix-xhud jghid li qallu "dak arah int," u jikkonferma li ma qallux biex jidhol lura. Jichad kategorikament li qal lil Zammit li kien sospiz. Jghid li fit-22 ta' Gunju Zammit ma kienx xoghol, imma fit-23 ta' Gunju Zammit kien suppost jidhol xoghol u ma dahalx. Meta fil-ghaxija spiccalu x-shift, inharget l-ittra tat-tkeccija.

Charles Fenech xhed li huwa electrician habib tas-sur Silvio Debono li cempillu fit-12 ta' Gunju 2010 minhabba qtugh ta' elettriku. Mar fuq il-post fil-ghodu u fl-MCCB innota wire mahruq u mdewweb. Xeghel id-dwal li kienu inqatghu u nnota li s-circuit kellu fuqu amperagg oghola milli suppost jiflah: 109 flok 100. Spjega li meta jghaddi l-hin l-*overload* isahhan is-circuit-breaker u jittripja. Huwa ta parir lis-sur Silvio Debono biex parti mill-load tal-kurrent titpogga fuq circuit iehor li kellu inqas 'load' biex tissolva l-problema tal-over-loading u qtugh ta' dawl.

Xhed Edward Darmanin, electrician kwalifikat, li kien jahdem mal-Kumpanija Engenuity Ltd li fit-12 ta' Gunju 2010 mar is-Seabank Hotel in rigward ta' rapport ta' qtugh ta' elettriku. Mir-rapport li hejja ftakar li meta ccekkja s-circuits u l-phases tat-'three-phase' innota li l-phase l-ahmar kien "overloaded". Peress li l-phases il-blu u l-isfar kellhom load inqas, beda jbiddel id-distribution biex igibhom ibbilancjati taht il-massimu, u rnexxielu. Jispjega li bl-overload

il-wires jigu "loose" u jishnu, u dan iwassal ghal li l-kurrent bejn l-MCCB u d-Distribution Board jittripja. Jghid li l-investigazzjoni li ghamel u d-distribution gdida li ghamel haditlu xi siegha u nofs, u huwa xoghol delikat li electrician kwalifikat suppost ikun jaf jaghmlu. Jghid li l-insulation tal-wire dabet bis-shana tal-overload, imma ma tistax tghid jekk dabx fi ftit gimghat jew fuq perjodu ta' xhur. Jghid li dakinhar kienet l-ewwel darba li mar b'xoghol is-Seabank Hotel, imma sussegwentment huwa telaq minn ma' l-Engenuity Ltd u beda jahdem bhala electrician fis-Seabank Hotel. Jghid li dak il-hin ma qaghadx jinnota jekk li gara kienx rizultat ta' xi traskuragni. Jghid li huwa jigi mqabbad jaghmel *preventive maintenance* fuq il-Boards kollha, u minn zmien ghal zmien irid isib il-hin li jdurhom anke ghall-possibilita` ta' overload. Jispjega li mhux ix-xoghol fuq kull board jirrikjedi li jinqata' d-dawl ghaliex juza ingwanti u ghodda insulalted u jkun "safe", pero` l-main panel tkun trid li jinqata' d-dawl u allura x-xoghol fuqha ahjar isir f'nofs ta' lejl meta l-klienti ma jkunux qed juzaw dawl.

Is-socjeta` intimata imbaghad tellghet li Joseph Vella jixhed. Huwa jghid li dak iz-zmien kien senior technician fuq dawl, plant u boilers, u spjega kif fis-6 ta' Gunju 2010 huwa spicca mix-xoghol fl-4:30pm izda aktar tard wara li dalam cemplulu biex jidhol lura ghaliex inqata' d-dawl fil-pizzerija. Mar jiccekkja d-*distribution box* mill-ewwel u nnota li wiehed mill-iswitches kien ittripja u ntefa; miss b'idu l-wire biex jara kienx shun b'xi overload u peress li ma kienx shun xeghelu u zamm mixghul. Dak il-hin ma kienx jidher li hemm problemi, imma sema' li diga' gara hekk xi gimghat qabel, u ghalhekk huwa avvza lil certu Mark Debono, li kien qed imexxi l-pizzerija, biex jinforma b'dan lil Romano Tabone biex issir investigazzjoni aktar b'dettall. Wara xi jumejn huwa mar biex jghid lil Romano Tabone b'dan, imma peress li ma sabux informa lill-assistent tieghu Anton Azzopardi. Jghid li fuq faults ta' elettriku l-kumpanija kienet tinkariga lilu u lil Louis Zammit. Meta nqata' d-dawl fil-11 ta' Gunju kien mar fuq il-post Louis Zammit. Meta mistoqsi ghalxiex ma fetahx il-panel tal-MCCB bhal ma sussegwentement irrakkomanda l-inginier Muscat, Vella irrisponda li l-bieba imsemmija hija tqila ghax kbira u tal-hadid, u tinfetah

b'attenzjoni kbira ghaliex jekk isir kuntatt bejn sors ta' l-elettriku u oggett iehor jista' jinqala' incident kbir; barra minn hekk kien mehtieg li jinxteghel id-dawl kemm jista' jkun malajr, u meta nxteghel is-sistema zammet – igifieri d-dawl ma baqax jinqata'. Jghid li ma jistax ikun li dakinhar tas-6 ta' Gunju kien hemm xi wire mahruq ghaliex ghalkemm ma fetahx l-MCCB, kieku inharaq xi wire jew l-insulation tieghu kien jinxtamm bil-panel maghluqa. Hawnhekk Vella ilmenta li meta gew l-enginiera, la hu u l-anqas Zammit ma ssejhu biex jaraw x'ser jinstab fl-MCCB, u allura jissuspetta li dak il-hruq li jidher fir-ritratti ma kienx hemm fil-jiem tal-qtugh tal-elettriku imsemmija. Jghid li minkeja li kien avvza lil Mark Debono u lil Anton Azzopardi biex Romano Tabone jinvestiga l-problema, jidher li sal-11 ta' Gunju fil-fatt ma sar xejn. Jghid li xi sentejn qabel tkecca mix-xoghol, huwa tnizzel mill-kariga ta' manager u beda jkun Romano Tabone li jiddeciedi x'xoghol kellhom jaghmlu Joseph Vella u Louis Zammit. Joseph Vella jghid li huwa kien jigbed l-attenzjoni ta' Romano Tabone ghal xogholijiet li riedu jsiru, bhal ma kien il-*preventive maintenance*, imma fl-ahhar mill-ahhar Romano Tabone kien jiddeciedi x'xoghol isir. Jghid li qabel gie *down-graded*, huwa kien il-manager u kien idur il-makkinarju hu: jekk ikun hemm bzonn xi tiswija jew jaghmilha hu stess jew iqabbad lil Louis Zammit; wara li gie *down-graded* huwa kellu jigbed l-attenzjoni ta' min kien fuqu – Romano Tabone – ta' x'hemm bzonn isir, u Romano Tabone jiddeciedi x'isir, gurnata b'gurnata. Jghid li Romano Tabone ma kienx tekniku. Dwar l-incident tas-6 ta' Gunju, huwa ma rrappurtax lil Tabone direttament ghax dan kien jaghmel granet jew gimghat ma jersaqx lejn il-lukanda, imma xorta avvza lill-assistent tieghu Anton Azzopardi, li jigi fuq Vella ukoll. Dwar l-imbarazz fil-plant-room, Vella jghid li verament huwa kien responsabbli ghaliha, imma xi zmien qabel spicca mill-impieg kien gie kuntrattur iwahhal is-solar-panels, u x-xoghol spicca ftit qabel Vella spicca mill-impieg; Vella jghid li huwa kien jigbed l-attenzjoni tas-superjuri tieghu ghall-imbarazz li dan kien qed ihalli, anke fil-plant-room.

Id-direttur Silvio Debono xhed b'affidavit li Zammit inghata impieg ta' Senior Electical TechnicianTechnical b'kuntratt ta' Frar 2002. Spjega kif inghata

warning fuq li naqas li jinvestiga l-qtugh tad-dawl fil-11 ta' Gunju,  u fuq nuqqas ta' manutenzjoni preventiva.  Imbaghad fil-21 ta' Gunju, meta qala' l-warning, qabad u telaq minn fuq il-post tax-xoghol u ma dahal qatt izjed. Jghid li s-sena ta' qabel huwa kien tkecca talli qal li ghamel certu maintenance meta ma kien ghamel xejn.  Talli ma dahalx lura ghax-xoghol, huwa gie kkonsidrat li abbanduna l-impieg, li xorta l-impieg gie terminat "on disciplinary grounds."

In kontroezami jghid li meta inqata' d-dawl it-tieni darba, l-ghada mar ma' habib tieghu Charlie Fenech li jahdem fid-dawl mal-Enemalta, li fetah id-distribution box u sab il-wires jaharqu u wiehed mahruq;  dan innota li l-wires kienu mahlulin u wiehed mill-*phases* kien *over-loaded*.  Jghid li imbaghad gew tal-Engenuity u f'nofs siegha verament irrangaw kollox. Wara dawn gie l-enginier konsulent tal-kumpanija Joseph Muscat.  Jghid li Romano Tabone lahhqu fuq il-maintenance tal-istabbilimenti kollha, imma mhuwiex tekniku bhal Vella u Zammit.  Jghid li huwa ma kienx jaf li Joe Vella irrizenja minn Technical Manager u sar Plant Technician, u allura ma jafx min hadlu postu. Minkejja li t-tieni warning giet ikkupjata lil Romano Tabone bhala "Maintenance Manager" huwa jghid li l-kariga tieghu ma kinitx hekk.  Gie suggerit lil dan ix-xhud li Vella irrizenja minn Maintenance Manager fl-2005 wara dizgwid mieghu, tnaqqsitlu l-paga, u floku tpoggew managers ohrajr – ix-xhud cahad imma imbaghad ftakar li dan kien korrett u li kienu tpoggew Marvic Camilleri, Chris Magro u iehor Olandiz bhala maintenance managers. Jghid li wara dawn lahhaq lil Romano Tabone fuq il-maintenance tal-istabbilimenti kollha. Mistoqsi jaqbilx li Zammit kellu fil-kuntratt li jrid jiehu l-ordnijiet minn ghand ta' fuqu, u li Vella nizel fl-istess livell bhalu, ix-xhud insista li l-kuntratt ta' Vella baqa' jghodd dejjem bhal ma kien fil-bidu, minghajr dik il-klawsola li tghid li jrid jiehu l-ordnijiet minn ghand ta' fuqu. Jghid li meta mar mal-electrician, l-ghada tat-tieni incident, dan fetah il-panels u sab il-wire mahruq minghajr ma tefa d-dawl tal-lukanda kollha – kien hemm parti biss mitfija.

Romano Tabone xhed b'affidavit li huwa "Project Manager" mas-Seabank Group: jghid li "fil-lukanda Seabank kien hemm jiehdu hsieb id-dipartiment tal-maintenance l-assistent tieghi Anton Azzopardi, li mhux bniedem tekniku, u ghall-affarijiet teknici kien hemm Joe Vella u Louis Zammit li kellhom jidentifikaw u isewwu l-istess." Imbaghad jitkellem fuq il-warnings ta' Joseph Vella. Dwar Louis Zammit issemm kif fis-sena precedenti Louis Zammit kien tkecca fuq li nizzel li ghamel xoghol li m'ghamilx, u jghid li dan iddahhal lura ghax-xoghol b'kundizzjoni cara li dan ikun l-ahhar cans.
In kontroezami jaccetta li la hu u l-anqas l-assistent tieghu Anton Azzopardi ma kienu kwalifikati fl-eletriku. Jghid li gie infurmat li biex issir il-*preventive-maintenance* tal-bord li fih inharaq wire ma kienx hemm bzonn tintefa l-lukanda, tant li tal-Engenuity irrangaw kollox matul il-jum bla ma tfew il-lukanda.

Xhed ir-rikorrent Louis Zammit li xhed kif fil-bidu kien taht Joe Vella imma imbaghad ma baqax tahtu: huma kellhom rutina ta' kuljum x'jiccekkjaw minghajr htiega ta' ordnijiet, imma meta jkun hemm bzonn xi tiswija partikolari huma kienu jiehdu l-ordnijiet minn ghand ta' fuqhom. Il-*preventive maintenance* ta' rutina kien isir perjodikament: xoghol zghir seta' jsir bla jinqata' d-dawl mentri l-kbir kien isir matul il-lejl ghax kien jehtieg jinqata' d-dawl tal-lukanda; dan kien ikun irid isir bil-permess tas-superjuri taghhom. Jghid li l-kaxxa li fiha ttrippja d-dawl fis-6 u fil-11 ta' Gunju kienet tehtieg li jintefa d-dawl tal-lukanda biex isirilha l-*preventive maintenance*; dan suppost isir darba f'sena imma kien ilu ma jsir sentejn ghax is-superjuri taghhom ma tawhomx *go-ahead* biex jaghmluh. Jghid li qalilhom kemm-il darba biex dan isir, imma ghal xejn. Jispjeg li meta nqata' d-dawl fil-11 ta' Gunju, huwa mar jara x'gara u bl-assistenza ta' Mark Debono fethu l-board fejn setghu jaraw l-iswitches biss – ra wiehed mitfi ghax ittripja u meta messu sabu kiesah, u allura xeghelu mill-gdid u gie d-dawl fil-pizzerija. Madankollu huwa ma fetahx il-bieba l-kbira li tghatti l-wires ghax dik tkun tehtieg li jintefa l-elettriku kollu biex ma jkunx hemm periklu. Anke l-*preventive-maintenance* taghha (li jigu ssikkati l-wires) kienet tehtieg li ssir bil-lejl halli tintefa parti mill-lukanda.

Mistoqsi kif tal-Engenuity fetah u sab il-wire mahruq minghajr ma tefa d-dawl, Zammit jghid li fil-waqt li ma jafx jekk dan tefiex id-dawl jew le, fuq il-bieba hemm avviz li biex jigi evitat periklu d-dawl irid jintefa. Ir-rikorrent jispjega kif il-*preventive maintenance* kienet issir skond kif jindikalu Romano Tabone, u kien ilu zmien jghidlu li jehtieg isir il-maintenance il-kbir (li tkun trid titfi l-lukanda) ta' darba f'sena, imma Romano Tabone ma tahomx li jaghmlu dan. Jghid li dwar dan ma ghamel ebda rapport bil-miktub. Dwar it-tkeccija ta' sena qabel, ir-rikorrent jghid li kien hemm zewg boards fil-*light-room* u kif kien sejjer jaghmlilhom il-*preventive maintenance* immarkahom bhala lesti; imma imbghad kif wasal sab li ma setax jghaddi ghax kien hemm saqqijiet, sodod u affarijiet goffi tal-house-keeping. Wara xi jiem gie skopert la ma kien ghamel xejn: huwa jghid li dan kien zball, u d-dikjarazzjoni bl-apologija ppreparawhielu tal-kumpanija, u accetta li jiffirmaha mhux ghax qabel maghha imma biex ikun jista' jiehu l-impieg lura, peress li ried imantni familja. Dwar l-ahhar jum tax-xoghol ir-rikorrent jghid li wara li qala' l-warning tal-21 ta' Gunju 2010 huwa sema' lil Jean Pierre Abela jghid lilu u lil Joseph Vella li mhumiex aktar fdati fuq xogholhom u jistghu jitilqu; jghid li vera hareg mix-xoghol imma imbghad rega' cempel lil Abela biex jistaqsih jidholx lura ghax-xoghol, u dan qallu biex ma jmurx.

Joseph Vella xhed minn jeddu u spjega li ghalkemm kien gie impjegat bhala Technical Manager fl-2003, fl-2005 Silvio Debono kien kellmu ghaliex il-boilers kienu qed jittripjaw. Jghid li ghalkemm spjegalu li dan kien rizultat tal-fatt li kienu qed juzaw zejt differenti aktar irhis, Debono baqa' jghajjat mieghu u jkellmu hazin. Huwa ried jirrizenja, izda nies ohra fil-lukanda kkonvincewh jibqa', anzi jinzel ghal plant-technician malli f'Gunju 2005 dahal Chris Magro bhala technical manager floku, u hu sar plant-technician – minhabba f'dan il-paga tieghu naqsitlu. Jghid li l-*preventive-maintenance* il-kbir suppost isir darba f'sena, imma meta kien jghid lil ta' fuqu biex jaghmluh dawn kienu jghidulu "imbaghad naraw." Dwar ir-ritratti tal-wires esebiti, Vella jghid li huwa qatt ma rahom hekk personalment, imma innota li ghalkemm parti mill-

wire l-ahmar kienet imdewba, il-parti vicin it-terminal ma kinitx imdewba u l-anqas it-terminal ma kellu sinjali ta' hruq.

Louis Zammit rega' xhed u kkonferma li ghalkemm infurmaw lil ta' fuqhom li kien hemm bzonn jigi investigat il-qtugh tad-dawl bejn is-6 u l-11 ta' Gunju, huma ma inghataw ebda struzzjonijiet biex jitfu d-dawl halli jaraw x'kien hemm. Ikkonferma wkoll li l-panel li tghatti dan il-wire li inharaq hija tal-hadid kbira xi 4 piedi b' 4 piedi, titwahhal b'xi 20 vit, u jekk malli taqlaghha tmiss ma' xi terminal jew bus-bar mikxuf tiehu xokk. Jghid li insista ma' Mark Debono li l-problema kellha tigi investigata, izda hadd ma qallu xejn izjed. Imbaghad fl-20 ta' Gunju qalulu li kien hemm xi wires mahruqin fil-controls tal-air-condition, imma ingieb electrician iehor u rranga kollox hu. Jghid li wara l-incident tal-20 ta' Gunju Jean Pierre Abela u Romano Tabone baghatu ghalih u ghal Vella u qalulhom li m'ghadhomx fdati fil-lukanda u ahjar jitilqu. Huma hargu mill-lukanda u cemplu lir-rapprezentant tal-Union, u meta cemplu lura biex jaraw x'ser jaghmlu Jean Pierre Abela qalilhom biex ma jigux lura.
In kontroezami ir-rikorrent ippreciza li biex tinfetah il-kaxxa li fiha inharaq wire kellu jitfi dik il-kaxxa biss, mhux il-lukanda kollha, u meta jitfi lilha biss jinqata' l-elettriku tal-pizzerija, ir-restaurant, il-kcina, u xi partijijiet ohrajn. Jghid li ma jafx jekk hux minnu li tal-Engenuity ma tefa xejn, ghax lilu m'ghajtulux biex ikun prezenti.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal irid jibda billi jinnota li f'inqas minn 5 xhur ir-rikorrent kien gia` sab xoghol alternattiv. Pero` xorta jibqa' krucjali li f'kaz ta' tkeccija mill-impieg, ir-rikorrent jindika x'salarju kellu fil-mument tat-tkeccija, haga li r-rikorrent naqas li jaghmel.

Fi kwalunkwe kaz, dan it-Tribunal irid jistabbilixxi jekk it-tliet ilmenti maghmula mis-socjeta` intimata kontra r-rikorrent kienux validi jew le. L-ewwel ilment jirreferi ghal incident li sehh sena qabel fejn ir-rikorrent tkecca mill-impieg u rega' inghatalu x-xoghol lura. It-Tribunal innota d-dati relattivi u jidher li ghaddew numru ta' granet qabel ma Zammit inqabad li m'ghamilx ix-xoghol li nizzel li ghamel, u mhux minnu li x-xoghol seta' jmur jaghmlu l-ghada. Jekk kien hemm ostakli biex jidhol hdejn il-boards, huwa kellu jirrapporta u mhux jibqa' kollox ghaddej. Ghalhekk, ghalkemm ir-rikorrent jghid li ffirma d-dikjarazzjoni ta' apologija kemm biex jiehu l-impieg, it-Tribunal iqis li dak kien certament kaz gravi li tal-inqas jimmerita warning.

It-tieni ilment jirreferi ghall-warning tal-21 ta' Gunju 2010, sew minhabba li ma kienx qed isir preventive maintenance u sew ghaliex fil-11 ta' Gunju meta nqata' d-dawl Zammit m'ghamilx investigazzjoni sewwa ta' x'gara. Dik il-parti ta' dan il-warning li tirreferi ghan-nuqqas ta' preventive maintenance, dan it-Tribunal fehem li l-hsara li kien hemm setghet tigi evitata kieku sar il-preventive maintenance il-kbir ta' darba f'sena, izda dan kien ilu ma jsir hafna aktar. Dan it-Tribunal huwa konvint li la fil-passat kien hemm maintenance manager tal-lukanda Seabank li kien jiddeciedi meta jsir dan, anke meta Joseph Vella ma baqghax manager Louis Zammit baqa' jkun irid jiehu l-ordnijiet minn ghand ta' fuqu, bhal ma wara kollox jghid il-kuntratt tieghu. Issa fuqu jidherl li kien hemm Anton Azzopardi, l-assistent ta' Romano Tabone fil-lukanda Seabank. Ghal xi raguni dan Anton Azzopardi ma ttellax jixhed biex jghid ghalxiex ma kienx qed isir il-preventive maintenance kif suppost. Ghalhekk din il-parti tal-warning mhix gustifikata. Pero` l-parti l-ohra tal-warning hija gustifikata peress li r-rikorrent kien jaf li ttripja d-dawl tal-pizzerija darbtejn, u ma ha ebda pass sod biex il-problema tigi investigate immedjatament. Verament gew l-enginiera u tal-Engenuity l-ghada, imma dan kien ghad insaputa tar-rikorrent, u ma jirrizultax li bejn il-11 ta' Gunju u l-21 ta' Gunju Zammit ghamel xi premura fuq ta' fuqu biex tigi investigate l-problema. Huwa kien responsabbli ma' Joseph Vella li jinsistu ma' ta' fuqhom li din l-investigazzjoni ssir qabel kull haga ohra; wara kollox ta' fuqhom mhumiex

teknici u kellhom ikunu Zammit u Vella li jaghmluhom konxji mill-gravita` ta' dak li seta' jigri kawza ta' nuqqas ta' tiswija.

Dwar it-tkeccija jidher l-r-rapprezentanti tas-socjeta` intimata qiesu dawn it-tliet warnings flimkien mall-fatt li r-rikorrent qabad u telaq mill-lukanda bla ma ppancja. Li r-rikorrent ma ppancjax mhemmx dubju, imma r-rikorrent jghid li l-manager Jean Pierre Abela qallu li mhux fdat u jista' jieqaf mix-xoghol.  Ma jirrizultax x'fehem ir-rikorrent – jidher li kien imfixkel u telaq il-barra mix-xoghol bhal siehbu.   Imbaghad gieh id-dubju dwar x'kellu jaghmel u cempel lis-sur Abela biex jara ghandux jirritorna ghax-xoghol. Minn naha tieghu Abela ra li Zammit assenta ruhu mix-xoghol ghal xi 5 sieghat u qallu biex ma jigi xejn.  Jidher li Zammit assuma li twaqqaf mix-xoghol, u mhux biss ma marx lura ghax-xoghol talli anqas dahhal risposta bil-miktub ghall-warning li qala' fi zmien jumejn. Abela jghid li meta fil-jum tal-warning fittex lir-rikorrenti u ma sabux, ma hassx li kellu ghalfejn icemplillu biex jara ghalfejn telaq.  Dan it-Tribunal jara li dan l-incident kien *misunderstanding* bejn iz-zewg nahat partikolarment ghaliex ir-rikorrent kien imfixkel, u Abela ma kienx car x'qed jippretendi minn ghand ir-rikorrent; fil-fatt Abela jghid li halla f'idejh minkejja li kien imfixkel,  u allura dan ma ghandux jitqies bhala incident daqshekk serju. In oltre ma giex prodott il-Ftehim Kollettiv li skond Abela dan jghid li b'dak li ghamel Abela kien meqjuz li abbanduna x-xoghol.

Meta wiehed ihares lejn il-fatti kollha, jikkonkludi li anke jekk l-incident tat-tkeccija huma skuzabbli, in-nuqqasijijiet tas-sena ta' qabel u tal-warning huma serji hafna u addirittura jimmeritaw it-tkeccija.  Pero` jekk fil-21 ta' Gunju 2010 il-kumpanija iddecidiet li taghti l-warning biss, dan kellu jibqa' warning u mhux jinbidel fi tkeccija minhabba dak li jidher li huwa malintiz dwar x'suppost kellu jsir in segwitu ghall-warnings.   Ghaldaqstant, tenut kont li zewg nuqqasijiet kienu jimmeritaw tkeccija, izda t-tkeccija inghatat fuq incident mhux daqstant gustifikat, dan it-Tribunal qed iqis it-tkeccija tar-rikorrent bhala wahda parzjalment gustifikata, imma mhux ghal kollox korretta, b'dan li r-rikorrent jisthoqqlu biss kumpens nominali u minimu.

DECIZJONI

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi prodotti, qieghed jiddecidi dan il-kaz b'mod definittiv billi jqis r-rikorrent kien hati ta' nuqqasijiet li jimmeritaw tkeccija, izda peress li r-rikorrent finalment tkecca fuq premessa li ma rrizultatx daqstant gustifikata, is-socjeta` intimata qed tigi ordnata tikkumpensa lir-rikorrent b'somma nominali u minima ta' seba' mitt Euro (€700.00). Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman